

# Ħidma Kontinwa



**Philip Schembri**
**Għalliem**

Il-Banda tagħna, bħal baned oħra, teħtieġ ħidma kontinwa matul is-sena kollha sabiex tkun organizzata kif jixraq. Fl-aħħar xhur kellna numru sabiħ ta' servizzi li kienu jinkludu programmi mużikali. Hawn insemmi l-programm tal-festa tat-2 ta' Settembru, ta' Ħadd il-Palm u dak tas-Santwarju fl-aħħar Ħadd ta' Settembru. Kienu programmi impenjattivi li ġew esegwiti b'livell aċċettabbli ħafna u li niżlu għasel mal-udjenza numeruża li attendiet għalihom. Naturalment, dan kollu seta' jsir grazzi għan-numru sabiħ ta' bandisti tal-post li bir-raġun kollu niftaħru li għandha l-banda tagħna. Flimkien mal-Kor dawn jagħtu s-sehem tagħhom is-sena kollha billi jattendu għall-provi u s-servizzi numerużi li għandha l-banda fil-kalendarju tagħha. Insemmi wkoll ix-xogħol siewi u d-dedikazzjoni tas-Surmast Direttur u l-Kumitat kollu.

Għeżież ġenituri, qiegħed infakkarkom li s-Soċjetà tagħna toffri t-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas u tipprovdi wkoll l-istrument lil kull min ikollu interess li jitgħallem. Mela x'qed tistennew? Ħeġġu 'l uliedkom!

Waqt li qiegħed intemm dawn il-kelmtejn tiegħi, qegħdin jgħiduli li s-Surmast John Mamo ħalliena. Filwaqt li nsellimlu u nitlob għalih, infakkar fil-ħidma kontinwa tiegħu matul is-snin li dam imexxi l-banda. Hu kien wieħed mill-pilastri tas-Soċjetà tagħna. Aħna doqna mill-wirt tiegħu ħafna qabel ma miet għax ħallielna b'tifkira tiegħu l-Innu Marċ immortali "**TAL-ILJUN**" li ser jibqa' jfakkarna fih. Grazzi Ġanni Mamo ta' dak kollu li għamilt magħna u l-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem. Nagħti l-kondoljanzi lis-Sinjura tiegħu u l-kumplament tal-familja sabiħa tiegħu.

Infakkarkom ukoll fil-memorja tas-saċerdot Mellieħi Dun Nazzaren Caruana eks Direttur Spiritwali tal-Każin tagħna, u fil-Maestro Carmelo Muscat, il-*Captain*, li wkoll tlifnihom f'dawn l-aħħar ġranet. Nagħti l-kondoljanzi lill-familji tagħhom ukoll.

Filwaqt li nirringrazzja lis-Surmast, il-Kummissjoni Banda u l-Kumitat flimkien mal-bandisti tal-istima tagħhom lejja, jien nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.



Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

**Specially in Mellieħa**